MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2015

Appell Kriminali Numru. 148/2014

Il-Pulizija

vs

**Joseph Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph Caruana quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar is-seba' (7) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) ghal habta tad-disa' (9) ta' fil-ghaxija waqt li kien gewwa l-fond bin-numru tmenin (80), Susjoe, Triq it-Tumbarellu, Ghaxaq:

1. Hebb ghall-mara tieghu Susanne Caruana u ikkagunalha griehi ta' natura hafifa hekk kif iccertifikat minn Dr. Andre Mercieca mill-Isptar Mater Dei;

2. Bl-imgieba tieghu kkaguna lill-mara tieghu Susanne Caruana biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra il-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kodici Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 ta' Marzu, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 221(1), 251B(1), 383(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati skont l-akkuzi dedotti kontra tieghu u ikkundannatu ghall-piena ta' tlett (3) xhur prigunerija.

Il-Qorti harget Ordni ta’ Protezzjoni favur Susanne Caruana ghal perjodu ta’ tlett (3) snin ai termini tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Caruana pprezentat fl-4 ta’ April, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha **TILQA’** dan l-appell billi **THASSAR U TIRREVOKA** s-sentenza appellata fejn sabet lil l-appellant hati taz-zewg imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u konsegwentement **TIDDIKJARAH** mhux hati taghhom u tilliberah minn kull imputazzjoni htija u piena. Alternattivament, tvarja l-piena nflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghall-fatti speci tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fl-ewwel lok jigi umilment sottomess illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti quddiema u dan meta skartat b’mod komplet ix-xhieda ta’l-appellant u anke dik ta’binthom Rose Marie Caruana, li kienet certament xhud illi la ghandha minn naha u lanqas minn ohra (peress illi filwaqt illi l-appellant missierha, il-parti leza ommha), biex strahet kompletament fuq ix-xhieda tal-parte civile, li bir-rispett kollu, ma kienet kredibbli xejn, kif se jirrizulta car waqt it-trattazzjoni ta’dan l-appell.

Jigi rilevat illi x-xhieda tal-parte civile ma hija kkoraborata b’ebda xhieda ohra, u ma ssib ebda konfort fil-provi prodotti. Anzi mill-provi prodotti mid-difiza, rrizulta car illi l-parti leza kienet sa minn qabel l-incident ikkargata sabiex tohloq l-inkwiet ma l-appellant. Fil-fatt, apparti li kif xehed l-appellant mhux l-ewwel darba li huwa gie mhedded minn martu li huwa se jigi irrapurtat lill-Pulizija anke ghalxejn, kif xehdet ulied il-partijiet Rose Marie Caruana, jidher li ommha u cioe' il-parti leza f’dawn il-proceduri, dak in-nhar ta’ l-allegat incident kienet determinata li tohloq l-inkwiet ma’ zewgha. Fil-fatt ix-xhud, Rose Marie Caruana, fid-depozizzjoni taghha spjegat kif sieghat qabel l-incident, ommha habtet rasha ma bicca ghamara waqt li kienet qed tfarfar fil-kamra fejn hi tistudja, u kwazi sturdiet bid-daqqa. Il-wild tal-partjiet bil-gurament taghhha irrakontat kif ommha qaltilha, u dan b’certu ton ta’rabja, illi kieku kien hemm l-appellant id-dar, hija kienet twahhal fih. Jidher car ghalhekk l-animu u l-iskop li kellha l-parti leza, sa sieghat qabel ma nqala l-allegat incident mertu ta’dawn il-proceduri.

L-appellant spjega li fil-fatt dak in-nhar ta’ l-allegat incident, martu qalghet argument dwar xi programm li kellhom jaraw dak in-nhar fuq it-television tal-kcina, u dan meta martu QATT ma kienet toqghod tara television f’dik il-kamra. L-appellant spjega li fil-fatt dak kien it-television tieghu, u dan peress illi huwa kien jorqod fuq is-sufan. Spjega li martu kienet dejjem toqghod tara t-television f’kamra ohra.

Inoltre, ix-xhieda tal-parti leza lanqas hija mqar korraborata bix-xhieda tat-tabib Dott. Andre Mercieca. Meta mistoqsi mid-Difiza, in kontro-ezami, kif gew ikkagunati l-griehi li kellha fuqha Susanne Caruana, l-istess tabib ma kienx f’pozizjoni li jghid ma xiex kienu kompattibli dawn il-griehi. Fi kliem iehor ma kienx f’pozizzjoni jikkonferma dak li allegat il-parti leza u cioe' li hija kienet qalghet daqqa ta’*remote control* go wiccha minn zewgha. Fi kliem iehor, il-provi prodotti quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghu qatt iwasslu ghal konvinciment morali li l-griehi ta’natura hafifa fuq gisem Suzanne Caruana gew ikkagunati minn l-istess appellant. Fi kliem iehor, huwa ferm possibli u verosimili illi l-griehi fuq il-persuna ta’Caruana gew ikkagunati meta waqghet u habtet kif isotni l-appellant. L-appellant bil-gurmanet tieghu spjega li martu li kienet bil-qedgha hdejh fuq is-sufan, qamet bis-salt u waqghet, bil-konsegwenza li setghet facilment habtet. Fil-fatt il-griehi sofferti minnha, anke meta wiehed jara r-ritratti tal-griehi, li ezebiet hi stess, ma humiex inkompattibli ma

Jibda biex jigi rilevat, illi kien l-appellant stess illi mar l-Ghassa sabiex jirraporta l-incident, u dan il-fatt huwa fil-fatt korroborat bix-xhieda tal-Pulizija, li fl-affidavit taghhom jikkonfermaw illi kien l-appellant illi ghamel rapport l-ewwel gewwa l-Ghassa. Huwa kemm xejn inverosimili li persuna li tkun ghada kif hebbet ghal persuna ohra, u sahansitra tikkagunalha griehi hfief, tmur tigri ghand il-Pulizija sabiex l-akkadut.

Inoltre, anke l-fatt illi l-parti leza marret tigri ccempel ambulanza huwa ndikattiv ta’ l-iskop li kellha.

Illi a rigward tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-appellant, jigi umilment sottomess illi ma ngabet ebda prova taghha u konsegwentement l-appellant ghandu jigi liberat minnha.

**It-tieni aggravju** ta’l-appellant jikkoncerna l-piena nflitta fuqu minn l-ewwel Qorti. *Dato ma non concesso* li l-appellant vera kkaguna griehi fuq il-persuna ta’martu, il-piena nflitta fuqu hija certament sproporzjontata meta wiehed jikkonsidra n-natura tal-griehi allegatament

sofferti, flimkien mal-fatt illi l-appellant mhux persuna recidiva. Illi dan qed jinghad senjatament in vista ta' skorta ta' gurisprudenza kopjuza, fejn il-Qrati taghna anke lill-persuna recediva, li kkometiet diversi reati fuq medda ta' snin, inghatat diversi opportunitajiet, sabiex jigi evitat milli tigi mposta piena karcerarja.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tal-20 ta' Mejju, 2015 il-parte leza hafret lill-appellant.

Ghaldaqstant, tichad l-appell ta' l-appellant Joseph Caruana u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena, thassar u tirrevoka l-piena ta' tlett xhur prigunerija u minflok wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberaha lill-appellant Joseph Caruana bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehoe fi zmien tlett xhur mil-lum.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------